MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1343/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Joseph Grima**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih il-korporazzjoni attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm376.91c) u dan kwantu ghal erbatax-il lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm14.54c) konsum ta' l-ilma u kera tal-meter ta' l-ilma u kwantu ghal tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm362.37c) ghall-konsum ta' l-elettriku u kera tal-meter ta' l-elettriku fil-fond 99 'Joseph Garage', Cannon Road, Santa Venera

matul il-perjodu minn qabel l-1989 sal-20 t’Ottubru, 1992 skond il-kont numru 165530711 u d-dokumenti annessi.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra l-Affidavit ta’ Joseph Grima u sema’ x-xhieda ta’ Anthony Cini.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Guido Pace Spadaro ghall-korporazzjoni attrici u ta’ Dr Antoine Cremona ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kont mertu tal-kawza jirrisali sa qabel l-20 t’Ottubru, 1992. Il-konvenut qieghed jichad li huwa responsabbli li jhallas ghal dan il-kont tant li huwa ddikjara espressament illi ghall-perjodu li ghalih jirreferi l-kont huwa ma kienx jokkupa l-fond in kwistjoni u sahansitra hu kien dahal fl-Isptar Monte Carmeli fl-20 ta’ Settembru, 1990 sal-20 ta’ Jannar, 1992 u waqt li kien qieghed hemm, ic-cwievet tal-post in kwistjoni gew irritornati lis-sid Alfred Spiteri.

Il-konvenut qieghed isostni li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili versu l-perjodu ta’ hames snin. Huwa evidenti li mill-1992 sal-lum ghaddew ferm aktar minn hames snin u ghalhekk, jisthoqq sabiex jigi accertat jekk kienx hemm xi interruzzjoni jew ksur tal-perjodu preskrittiv.

M’hemmx kontestazzjoni li giet ipprezentata Ittra Ufficjali fit-13 t’Awissu, 2003 izda l-korporazzjoni attrici qieghda tikkontendi illi meta Joseph Grima mar ikellem lil Anthony Cini fil-15 ta’ Frar, 2000, huwa kien ammetta d-debitu

wara li huwa kien ircieva Ittra Interpellatorja tat-8 ta' Frar, 2000.

It-Tribunal isibha qajla kredibbli li l-konvenut ammetta d-debitu u dan billi apparti li fil-file tal-korporazzjoni attrici hemm specifikat li anki dak iz-zmien it-talba kienet preskritta *(time-barred)* kien hemm korrispondenza mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenut li tinsab esebita bhala Dok. JG3 u JG5, li minnha jidher li l-konvenut kien qieghed jikkontesta bic-car il-kont lilu mibghut.  Huwa anki halla certifikat rilaxxjat mill-Professur Abraham Galea in sostenn tal-fatt li ma kienx jokkupa l-fond de quo.

Illi inoltre, anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument, dak il-hin il-konvenut seta' qal xi haga li setghet tigi miftiehma mod iehor, mic-certifikat prodott fl-atti tal-Professur Abraham Galea hemm indikazzjoni cara illi sahansitra mill-1983 il-konvenut kien qed jagixxi taht:

"…a strong psychological disturbance which interfered which his judgement and insight and this conclusion fully accords with the course prognosis and clinical picture of the mental disorder for which he received inpatient treatment at this hospital."

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-korporazzjoni attrici ma rnexxielhiex tipprova fil-grad rikjest mil-ligi illi kien hemm xi forma ta' ammissjoni da parti tal-konvenut meta huwa mar jitkellem ma' Anthony Cini fi Frar tal-2000.

Sa dakinhar l-azzjoni kienet gja' preskritta u ma jidhirx li giet ammessa mill-konvenut.  Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jisthoqq li tigi milqugha.

Illi inoltre, jigi rilevat ukoll illi l-korporazzjoni attrici kienet taf diga' bil-kontenzjoni tal-konvenut ferm qabel ma giet ipprezentata l-kawza u ghalhekk ghandha tbati wkoll l-ispejjez relattivi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-korporazzjoni attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------